MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 1379/1997/1

**Anthony sive Ninu u Maria konjugi Frendo**

**vs**

**Angelo Zahra f`ismu proprju kif ukoll ghan-nom u fl-interess ta' Angcar Co. Ltd. U martu Victoria Zahra ghal kull interess li jista` jkollha**

**Il-Qorti;**

Rat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi datata 4 ta' Frar, 2000, li tghid hekk:

“Rat ic-citazzjoni ta l-atturi li biha, wara li ppremettew:

li huma kredituri tal-konvenuti in solidum fis-somma ta tnax-il elf disa' mija u sittin liri Maltin (LM12,960) rapprezentanti din is-somma self maghmul permezz ta skrittura privata datata 16 ta Mejju, 1995 (Dok. A);

li dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjonijiet x'jaghtu in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u b'hekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikoli 167 - 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh;

li l-konvenut debitament interpellat baqa' nadempjenti;

**TALBU** illi l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta l-Artikoli 167 - 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta Malta;

2. Tikkundannahom in solidum ihallsuhom is-somma ta' tnax-il elf disa' mija u sittin liri Maltin (LM12,960);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata fid-9 ta Mejju, 1997 u tal-mandati kawtelatorji prezentati kontestwalment u l-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u n-nota tax-xiehda ta l-atturi;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta April, 1998 li bih ordnat li l-kawza ssir fil-kors ordinarju taghha;

Rat li l-konvenuti gew debitament notifikati bic-citazzjoni, b’kopja tad-digriet tal-24 ta April, 1998 u bl-avviz tas-smiegh (fol. 1 - 1A) izda naqsu li jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba attrici tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi billi **tilqa' t-talba attrici** u hekk tikkundanna lill-konvenuti in solidum li jhallsu lill-atturi s-somma ta tnax-il elf disa' mija u sittin lira (LM12,960.00) dovuta kif inghad; bl-imghax legali mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

Minn din is-sentenza appellat Victoria Zahra, u dan permezz ta' rikors datat 24 ta' Frar, 2000. Ghandu jinghad ghall-precizjoni li ghalkemm fic-citazzjoni intalbet il-procedura hekk imsejha "tal-giljottina", l-ewwel Qorti ma mxietx b'din il-procedura – ara d-digriet registrat fl-udjenza tal-24 ta' April, 1998 a fol. 22 ta' l-atti. Din il-Qorti semghet lill-partijiet kollha fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru, 2002, ezaminat l-atti kollha tal-kawza, u sejra tghaddi issa ghas-sentenza fuq l-appell interpost mill-imsemmija Victoria Zahra.

Ghalkemm l-appellanti, b'mod konciz hafna, ressqet diversi argumenti in sostenn ta' l-aggravju taghha li l-ewwel Qorti kienet "ghamlet apprezzament inadegwat tal-fatti u tal-ligi applikabbli f'dan il-kaz", din il-Qorti tara li ghandha tikkoncentra fuq punt jew argument wiehed, u cioe` li d-dejn maghmul minn zewgha Angelo Zahra b'ebda mod ma kien jorbot lilha u anqas kien jaggrava l-komunjoni ta' l-akkwisti.

Din il-Qorti tara li l-appellanti ghandha ragun. Hija giet imharrka "ghal kull interess li jista' jkollha", b'mod li hija tqeghdet fil-posizzjoni ta' konvenuta (flimkien ma' zewgha Angelo Zahra) mill-istess atturi. Ghalkemm hija (bhal zewgha) baqghet kontumaci, il-kontumacja hi forma ta' kontestazzjoni tat-talba. L-unici provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti kienu d-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni (fol. 11), liema dikjarazzjoni giet guramentata minn Maria Assunta Frendo; u l-affidavit ta' l-istess Maria Assunta Frendo b'kopja ta' skrittura privata annessa maghha.

Issa, apparti li dina l-iskrittura privata (jew ghall-anqas il-kopja li hemm ezibita fl-atti) ma tirrizultax iffirmata, din l-iskrittura ggib id-data tas-16 ta' Mejju, 1995. Kemm id-dikjarazzjoni guramentata kif ukoll l-affidavit jibbazaw ruhhom fuq din l-iskrittura bahla prova tal-kreditu vantat mill-atturi. Minn din l-iskrittura jirrizulta li aktar kmieni fis-sena 1995 Angelo Zahra u l-kumpanija Angcar Company Limited kienu ssellfu *in solidum* is-somma ta' Lm12,000 minghand il-konjugi Frendo. Il-parti krucjali ta' l-iskrittura tghid hekk:

"Bis-sahha ta' din l-iskrittura privata il-komparenti debituri[1] *in solidum* qeghdin jikkostitwixxu ruhhom veri, certi u likwidi debituri versu u a favur tal-kredituri[2] *in solidum* li jaccettaw fis-somma ta' tnax-il elf liri Maltin (Lm12,000) liema somma giet mislufa mill-kredituri *in solidum* lid-debituri *in solidum* aktar kmieni din is-sena".[3]

Issa, l-ewwel Qorti ikkundannat "lill-konvenuti in solidum" – u allura anke lil Victoria Zahra – biex ihallsu somma in kwistjoni lill-atturi. Dan ma setghetx taghmlu fil-konfront ta' l-imsemmija Zahra, u dan ghaliex meta sar is-self, kif ukoll meta saret l-iskrittura privata (skrittura li fiha Victoria Zahra ma tiffigura b'ebda mod), kien diga fis-sehh ir-regim tal-komunjoni ta' l-akkwisti introdott bl-Att XII ta' l-1993. Dan ir-regim beda jopera b'effett mill-1 ta' Dicembru, 1993 (ara l-Avviz Legali 123/1993, pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' 24 ta' Settembru, 1993). Ghalhekk, meta sar is-self in kwistjoni, dak is-self maghmul minn Angelo Zahra anke jekk kien jinkwadra ruhhu bhala "att normali ta' gestjoni ta' kummerc [jew] negozju" fit-termini ta' l-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili, b'ebda mod ma kien jaggrava l-komunjoni ta' l-akkwisti (Art. 1327, Kap. 16). S'intendi, dan qed jinghad bla pregudizzju ghal dak kollu li jipprovdu l-Artikoli 1329 u 1330 tal-Kap. 16, u dan ghaliex ic-citazzjoni, kif proposta mill-atturi appellati, hija wahda ta' kanonizazzjoni ta' kreditu, u mhux wahda biex id-dejn jigi

[1] Angelo Zahra u Angcar Company Limited, skond il-paragrafu precedenti ta' l-istess skrittura.
[2] Anthony sive Ninu Frendo u martu Maria Assunta Frendo, skond l-ewwel paragrafu ta' l-iskrittura.
[3] Kif jinghad fic-citazzjoni, fid-dikjarazzjoni guramentata u fl-affidavit, l-ammont li qed jigi pretiz huwa ta' Lm12,960 minhabba l-imghaxijiet li lehqu akkumulaw.

infurzat skond xi wahda minn dawn iz-zewg disposizzjonijiet.

Ghall-motivi premessi, tilqa` l-appell fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata billi:

**1.** thassarha u tirrevokaha in kwantu laqghet it-talba attrici fil-konfront ta` Victoria Zahra u minflok tirrespingi t-talba attrici fil-konfront ta’ l-istess appellanti Victoria Zahra,

**2.** tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu laqghet it-talba attrici fil-konfront tal-konvenuti l-ohra u ghalhekk tikkundanna lill-Angelo Zahra u lis-socjeta` Angcar Co. Ltd. *in solidum* li jhallsu lill-atturi s-somma ta’ tnax-il elf disa’ mija u sittin lira (Lm12,960.00), bl-imghax legali mill-4 ta’ Frar, 2000.

L-ispejjez ta’ l-ewwel istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti Angelo Zahra u Angcar Co. Ltd. *in solidum*, hlief ghall-ispejjez ta’ Victoria Zahra li ghandhom jigu sopportati mill-atturi; l-ispejjez ta’ dana l-appell ghandhom jigu sopportati mill-atturi appellati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------